**31 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M, B.Litt., LL.D.**

Marianna Fenech et.

*versus*

Carmelo Borg et.

**Provi — Xhieda — Art. 679 tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk waħda mill-partijiet f'kawża titlob li tipproduċi xhud u l-Qorti tiċħad it-talba, u l-Qorti tal-Appell, fuq appell ta' dik il-parti minn dak id-digriet ta' riġett tat-talba, tikkonferma l-istess digriet, din il-konferma ma torbotx lill-Qorti tal-Appell talment illi, jekk il-kawża mbgħad tiġi appellata, u fl-appell terġa ssir it-talba għall-produzzjoni ta' dak l-istess xhud, il-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' tippermetti l-produzzjoni ta' dak ix-xhud billi tkun ikkonfermat id-digriet tal-Ewwel Qorti li kien ċaħad it-talba għall-produzzjoni ta' dak ix-xhud.*

*Għax il-kawża fil-meritu tkun allura quddiem il-Qorti tal-Appell, u din mhix neċessarjament marbuta bid-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti, u tista' tuża d-diskrezzjoni tagħha stess skond kif jidhrilha sewwa għall-konvinċiment morali tagħha.*

*U hekk ġara f'dan il-każ, fejn waħda mill-partijiet talbet li tipproduċi xhud li ma kienetx ipproduċiet quddiem il-perit, u l-Qorti ċaħdet it-talba tagħha; dik il-parti appellat middigriet tar-riġett, u l-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak id-digriet. Wara li nqatgħet il-kawża s-sentenza ġiet appellata, u fl-appell saret mill-ġdid talba biex jinstema dak l-istess xhud; u l-Qorti tal-Appell ammettiet il-produzzjoni tiegħu.*

Il-Qorti: Rat id-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Ottubru 1960, li fiha jinsabu riassunti t-talbiet tal-attriċi;

Rat is-sentenza issa appellata;

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 1960, fejn l-Avukat Dr. Harding għall-appellat talab li jipproduċi bħala xhud lil Cristina Borg li issa tinsab l-Awstralja, u l-Avukat Dr. Magri għall-appellanti oppona ruħu għal dik it-talba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellat kien ġa quddiem l-Ewwel Qorti talab biex din ix-xhud tinstemgħa per mezz tal-proċeduri tar-rogatorji. Dik il-Qorti, bid-digriet tagħha tal-25 ta' Ġunju 1959, ċaħdet dik it-talba; għaliex, għalkemm l-isem tax-xhud kien ġie ndikat fil-lista kontenuta fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, l-appellat kien naqas li jipproduċi lil dik ix-xhud quddiem il-perit ġudizzjarju li kien ġie nkarigat mill-istess Qorti biex jirrelata fuq il-każ u mogħti s-setgħa li jiġbor il-provi. Dik il-Qorti rriteniet illi fil-każ ma kienet tirrikorri ebda waħda mill-eċċezzjonijiet kontemplati fl-art. 679 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'riferenza għall-art. 206 tal-istess Kodiċi, u għalhekk il-produzzjoni ta' dik ix-xhud f'dak l-istadju ma kienetx permessa;

Bid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Ottubru 1959, fuq imsemmija din il-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni mogħtija bid-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Ir-raġunijiet ta' dik

id-deċiżjoni huma esposti fiha. In sostanza, jista' jingħad illi din il-Qorti rriteniet illi, skond l-imsemmi art. 679 tal-Proċedura Ċivili, biex ix-xhud Cristina Borg, li ma kienetx inġiebet quddiem il-perit ġudizzjarju, setgħet tiġi ammessa biex tagħti x-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, kien meħtieġ li tirrikorri xi waħda mill-eċċezzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (a), (b) u (d) tal-art. 206. L-eċċezzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) ma kienux jirrikorru. Kwantu għall-eċċezzjoni fil-paragrafu (d), dik kienet kwistjoni ta' diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li dak il-waqt kellha l-kawża quddiemha, u din il-Qorti ma setgħetx f'dak l-istadju, apparti kull raġuni oħra, tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat;

Bl-appell, il-kawża bil-meritu kollu tagħha issa tinsab għad-deċiżjoni quddiem din il-Qorti. Għalhekk, issa jmiss lil din il-Qorti li tara jekk "għall-konvinċiment morali tagħha" hijiex soddisfatta illi s-smiegħ tax-xhud in kwistjoni huwa neċessarju jew espedjenti;

Kif inhuma ċ-ċirkustanzi tal-każ, din il-Qorti jidhrilha li hu espedjenti ħafna li jkollha quddiemha l-prova offerta. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija essenzjalment waħda li tiddependi mill-valur u mill-kredibbilità li tingħata lix-xhieda tal-istess partijiet. Il-perit ġudizzjarju sab issoluzzjoni aktarx diffiċli iżda wasal għall-konklużjoni li jaċċetta l-verżjoni tal-attur, u għalhekk sab lill-appellant responsabbli tad-danni. L-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li, kif jingħad fis-sentenza appellata, irriflettiet ħafna fuq il-każ, dehrilha li ma setgħetx tadotta l-konklużjoni tal-perit ġudizzjarju, għaliex fil-fehma tagħha l-atturi ma rnexxielhomx iġibu provi konvinċenti, kif kien dmirhom, tal-ħtija tal-appellat;

Issa, ix-xhud Cristina Borg jingħad li kienet l-uniku xhud okulari tal-aċċident, u tista', jekk tiġi mismugħa, titfa dawl importanti fuq iċ-ċirkustanzi ta' kif ġara. Oltre dan, hu allegat li l-attriċi fil-waqt stess tal-aċċident qalet xi kliem lilha li, jekk tassew jirriżulta jista' jkollu

valur kbir għad-deċiżjoni tal-kawża. Għalhekk din il-Qorti tħoss li, biex tista' tifforma aħjar il-konvinzjoni tagħha u tiddeċidi b'konoxxenza aktar kompleta tal-fatti, jixraq li din ix-xhud tinstama';

Biex ma jkun hemm ebda ekwivoku, fis-sens li b'hekk il-Qorti qegħdha b'xi mod tmur kontra d-deċiżjoni preċedenti tagħha, jerġa jingħad illi x-xhud sejra tiġi ammessa unikament in bażi għall-paragrafu (d) tal-art. 206 tal-Proċedura Ċivili, ġa fuq imsemmi, u bir-riżerva ċara li tal-provvediment li sejra tagħti tieħu konsiderazzjoni, jekk jekk ikun il-każ, fid-deċiżjoni tal-ispejjeż tal-kawża. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni preċedenti, b'konferma tad-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellat ma setgħax u ma jistgħax jinvoka favur tiegħu il-paragrafi (a) u (b) ta' dak l-artikolu. Hu lanqas issa, fl-appell, ma jista' jinvoka l-paragrafu (c), għaliex sal-istadju li fih, in prima istanza, it-talba tal-appellat għas-smiegħ tax-xhud ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti, dik id-deċiżjoni ġiet ritenuta li kienet sewwa, salva d-diskrezzjoni f'sens kuntrarju li dik il-Qorti setgħet talvolta teżerċita, okkorrendo, aktar tard sakemm il-kawża kienet quddiemha skond il-paragrafu (d);

Imma issa li l-kawża fil-meritu tinsab quddiem "din" il-Qorti, hi mhix neċessarjament marbuta bid-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti, u tista' tuża d-diskrezzjoni tagħha stess skond kif jidhrilna sewwa għall-konvinċiment morali tagħha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tilqa' t-talba tal-appellat għall-eżami tax-xhud Cristina Borg, salvo li jsiru l-proċeduri rikjesti mil-liġi;

L-ispejjeż tal-inċident jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni fil-meritu, u b'riżerva partikulari għall-aħħar parti tal-paragrafu (d) tal-art. 206 fuq imsemmi.